Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 208/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Agnes Cutajar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm361.21) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99839390.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset li tidher, kemm fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli, kif ukoll ghas-seduta ta' illum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu, bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwlament ma' l-avviz ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------